MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Numru. 541/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Saviour Xiberras**

Kaz Numru: 541/2012

Illum 15 ta’ Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Saviour Xiberras**, bin Emanuel u Rose neé Sultana, imwieled fil-15 ta’ Awwissu 1954, residenti fil-fond Salmar, Triq il-Gnejna, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 48754(G), akkuzat talli fil-gurnata tat-2 ta’ Lulju 2012 bejn 07:30hrs u 10:00hrs f’passagg li jaghti

minn Triq il-Gnejna, Xaghra, ghar-raba maghruf bhala Tal-Hawwiel limiti tax-Xaghra, Ghawdex:

1. minghajr il-hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu gieghel jew xort’ohra bl-awtorita’ tieghu nnifsu fixkel lil Carmen Xiberras billi pparkja vettura tal-ghamla Fiat fil-passagg imsemmi;

2. bi hsara tas-sid jew detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta’ ta’ Carmen Xiberras.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika d-dispozizzjoni tal-Artikolu 85(2) tal-Kapitolu 9 u dan billi l-imputat jigi ordnat inehhi l-vettura tal-marka Fiat minn dan il-passagg.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

ILLI mill-provi mismugha u mill-atti processwali jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, ghandu jinghad li l-imputat gie akkuzat wkoll li kkommetta vjolazzjoni ta’ proprjeta’ ghad-dannu tal-kwerelanta Carmen Xiberras. Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

“Huwa ħati ta’ kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min [...] (d) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta’ ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, u lanqas band’oħra f’dan il-Kodiċi”.

Riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta’ Settembru 2008, fejn il-Qorti qalet hekk:

"[G]ie sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi l-ewwel imputazzjoni postulata fl-inciz (d) ta' l-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 ma kienetx tregi ghax kien jonqos l-element tal-hsara tas-sid jew tad-detentur. Wiehed necessarjament jifhem illi l-"hsara" ghal liema tirreferi l-kontravenzjoni fl-artikolu succitat trid tkun wahda materjali jew, almenu, ta' pregudizzju ghall-proprjeta' jew ghad-detenzjoni".

In segwitu ta' dan, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li effettivement bl-azzjoni tal-imputat Xiberras gie kommess il-"hsara" rikjest taht Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma giex pruvat xi hsara sofriet il-kwerelanta u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigu liberat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, in segwitu tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, filwaqt li tillibera lill-imputat Saviour Xiberras mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Saviour Xiberrras hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' hamsa u sebghin Euro (€ 75.00).

*In oltre*, il-Qorti, tordna lill-imputat inehhi l-vettura tal-ghamla Fiat mill-passagg fiz-zmien xahar mil-lum u f'kaz li dan ma jsehhx, ikun hati ta' reat u jehel, meta jinsab hati, ammenda ta' mhux anqas minn erba' ewro u sitta u sittin centezmu (€4.66) u mhux aktar minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------